MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 4/2009

**Paul Galea 407865M u Mario Galea 195863M**

**Vs**

**Casanova Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Jannar 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef tliet mija u disa` Euro u hdax-il centezmu (€3,309.11) rapprezentanti l-valur ta' diversi prodotti ta' hxejjex debitament mibjugha u konsenjati lis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta minn diversi statements gia mibghuta lill-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 9 ta' Ottubru 2008 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju

datat 19 ta' Dicembru 2008 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' kull konsenja kontra s-socjeta` konvenuta li d-dirigenti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi debitament notifikata, s-socjeta` konvenuta naqset milli tidher ghas-seduti u naqset ukoll milli tippresenta risposta, sabiex b'hekk it-Tribunal ikkonsidra illi t-talba attrici mhix kontestata.

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' April 2009 l-attur Mario Galea xehed bil-gurament tieghu illi l-ammont riklamat b'dan l-avviz ghadu dovut fl-intier tieghu u li fil-mori tal-kawza ma sar ebda hlas.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta u wara d-dikjarazzjoni guramentata tal-attur Mario Galea fis-seduta tas-7 ta' April 2009, it-Tribunal ma jarax ghaliex ma ghandux jilqa` t-talba attrici.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, tlett mija u disa` Euro u hdax il-centezmu (€3,309.11) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------